

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1638

tal-20 ta' Settembru 2022

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana f'dak li għandu x'jaqsam mas-subintestatura 9505 10 (Oġġetti għall-festi tal-Milied)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi nomenklatura għall-merkanzija ("in-Nomenklatura Magħquda"), li hija riprodotta fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (2) Is-subintestatura 9505 10 tan-Nomenklatura Magħquda tkopri l-oġġetti għall-festi tal-Milied.
- (3) In-nota Addizzjonali 1(b) tal-Kapitolu 95 tiddefinixxi l-ambitu tal-oġġetti tat-tiżżeen għas-siġar tal-Milied li huma kklassifikati taħt is-subintestatura 9505 10.
- (4) In-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 9505, (A)(1) u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (²) għall-intestatura 9505 jispiegaw kif għandhom jiġi kklassifikati l-oġġetti tat-tiżżeen għas-siġar tal-Milied.
- (5) Jeżistu fehmiet diverġenti dwar l-interpretazzjoni tal-kliem tal-aħħar frażi tan-Nota Addizzjonali 1(b) tal-Kapitolu 95, li tgħid li l-oġġetti taħt dik l-intestatura għandu jkollhom konnessjoni mal-Milied.
- (6) Fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-oġġetti tat-tiżżeen għas-siġar tal-Milied ma għandhomx għalfejn ikollhom tema marbuta mal-Milied iż-żida jeħtieġu biss disinn li jagħmilhom rikonoxxibbli bħala oġġetti tat-tiżżeen għas-siġar tal-Milied.
- (7) Huwa għalhekk meħtieġ li titħassar l-aħħar frażi tan-Nota Addizzjonali 1(b) tal-Kapitolu 95 tan-Nomenklatura Magħquda biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi tas-subintestatura 9505 10 fl-Unjoni kollha.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Fit-tieni Parti, il-Kapitolu 95, tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, in-Noti addizzjonali 1(b) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(b) l-oġġetti tat-tiżżeen għas-siġar tal-Milied.

Dawn huma oġġetti maħsubin biex jiddendlu fuq is-siġra tal-Milied (jiġifieri oġġetti ħief li ġeneralment ikunu magħmulin minn materjal li ma jdumx iservi maħsubin għat-tiżżeen tas-siġra tal-Milied).".

(¹) ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.

(²) ĠUC 119, 29.3.2019, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kummissjoni  
F'isem il-President,  
Gerassimos THOMAS  
Direttur Ġenerali  
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

---